MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Dicembru, 2013

Mandat Numru. 287/2013/1

**Marie Louise Attard**

**vs**

**Noel Attard**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors fuq indikat datat l-20 ta’ Novembru, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikata sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi ghandha interess li jigu protetti d-drittijiet taghha;

1.2 Illi konsegwentement, biex jigu kkawtelati dawn id-drittijiet, l-istess rikorrenti talbet lil din il-qorti biex tinibixxi jew izzomm lill-intimat fuq indikat milli:

1.2.1. Ibiegh, inehhi, jitrasferixxi, jikri jew jiddisponi *inter vivos* jew b'mod oneruz jew gratuwitament il-fondi ndikati aktar 'il quddiem;
1.2.2. Jghabbi b'xi dejn, piz, garanzija jew obbligazzjoni l-proprjeta` kollha partikolarment:

1.2.2.i. Il-fond 186, Triq Fra Francesco Wizzino, Pembroke, flimkien ma garaxx kif deskritti fl-istess rikors guramentat promotur;

1.2.2.ii. Il-fond *San Giorgio Pharmacy* sottopost ghall-fond indikat fil-paragrafu precedenti u kif deskritt fl-istess rikors guramentat promotur;

1.2.2.iii. Illi l-proprjeta` hawn indikata inbniet fuq art moghtija lill-kontendenti mill-Awtorita` tad-Djar fit-8 ta' Frar, 1994, kif indikat fl-imsemmi rikors *de quo*;

1.3 Jaghmel dejn, garanziji jew obbligi, li jkunu ta' piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti;

2. Illi bejn il-kontendenti hemm ukoll kawza ta' separazzjoni indikata fl-istess rikors *de quo* li gia` ilha pendenti ghal tlett (3) snin;

3. Illi l-intimat jabita fil-fond fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn punt tnejn, (1.2.2.), aktar qabel;

4.0 Rat id-digriet precedenti taghha datat l-20 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu:

4.1 Laqghet it-talbiet tar-rikorrenti provizorjament;

4.2 Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh fil-modalita` indikata fl-istess digriet;

5.0 Rat ir-risposta tal-intimat datata l-21 ta' Novembru, 2013, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

5.1 Illi t-talba tar-rikorrenti hi frivola u vessatorja;

5.2 Illi l-ebda wahda mill-kontendenti ma tista’ taljena jew tghabbi l-proprjeta` immobbli tal-komunjoni bi djun minghajr il-firma tal-parti l-ohra;
5.3 Illi ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn isir il-mandat odjern;

5.4 Illi m’hemm l-ebda hjiel li l-intimat ser jaghmel l-affarijiet addebitati lilu mir-rikorrenti;

5.5 Illi ghalhekk m’ghandux ibati spejjez, u dawn ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti;

6. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

7. Illi l-iskop tal-procedura in dizamina hu dak li r-rikorrent tittutela d-drittijiet taghha minn atti partimonjali li jistghu jippregudikawha b’mod irrimedjabbli fid-dawl tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. Illi *di piu`*, il-livell ta’ prova rikjesta mill-istess artiklu indikat fil-paragrafu precedenti biex qorti kolpita b’dan il-mandat tkun tista’ tohrog l-istess b’mod permanenti hu dak ta’ livell ta’ *prima facie*, u xejn aktar;

Ikkunsidrat:

9.0 Illi mis-smiegh koncess jirrizulta sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi l-partijiet ilhom fi procedura ghas-separazzjoni personali ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin;

9.2. Illi hu l-intimat li jirrisjedi fir-residenza li qabel kienet komuni;

9.3. Illi taht l-istess residenza hemm ukoll spizerija fuq gia` indikata;

9.4. Illi r-rikorrenti hi preokkupata li l-intimat jista’ jagixxi kif minnha indikat fir-rikors guramentat promotur u

b’hekk jikkawzalha danni irreparabbli billi jestromettiha mill-proprjeta` in dizamina u jirrendi lir-rikorrenti indigenti;

9.5. Illi minn naha tieghu l-intimat irribatta li m’ghandux il-hsieb li jaghmel hekk;

Ikkunsidrat:

10. Illi tali assikurazzjoni da parti tal-intimat mhix bizzejjed biex tinnewtralizza l-biza’ effettiva tar-rikorrenti kif minnha esposta stante li l-hsieb tal-intimat facilment jista’ jinbidel wara li jinghalqu l-proceduri odjerni;

11.0 Illi ghalhekk hi il-fehma ta’ din il-qorti li r-rekwiziti legali rikjesti – senjatament:

11.1 L-irrimedjabbilita` u

11.2 L-element tal-*prima facie*

ai termini tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq gia` riferit, huma sodisfatti stante li ghad hemm il-possibilita` effettiva li r-rikorrenti tigi pregudikata b’mod irrimedjabbli;

**DECIDE:**

12.0 Illi ghaldaqstant in vista tal-premess, din il-qorti takkolji t-talbiet tar-rikorrenti Marie Louise Attard u konsegwentement:

12.1 Tirriforma d-digriet precedenti taghha datat il-20 ta’ Novembru, 2013, fis-sens li minn wiehed provizorju tibdlu *contraio imperio* f’wiehed permanenti;

12.2 Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimat Noel Attard.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------